MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 803/2001/1

**Formaco Limited**

**vs**

**Digigate Limited insegwitu mibdul ghal General Communications Limited b' digriet tad-9 ta' Mejju 2002**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Jannar 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tlett elef, mitejn u hamsa u sittin Liri Maltin (Lm3265), rappresentanti prezz ta' computers u accessorji relatati ma l-istess computers,

mibjugha u kkonsenjati lilhom f'diversi okkazzjonijiet fuq inkarigu taghhom stess kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez, kollha kontra s-socjeta konvenuta, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2001 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Digigate Limited in segwitu addotati mill-konvenuti General Communications Limited fejn eccipew illi:

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici billi ma jezisti ebda rapport giuridiku bejn il-kontendenti u dan peresss illi kwalundwe interazzjoni illi saret mas-socjeta' attrici kienet ristretta ghat-trasmissjoni ta' ordnijiet lil terzi. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dina l-kawza stante l-fatt illi permezz ta' ittra datata l-15 ta' Frar 2001, is-socjeta attrici kienet giet mistiedna sabiex tittrasmetti kopji tad-dokumentazzjoni kollha necessarja in sostenn tal-pretensjoni taghha, liema dokumenti baqghu ma gewx trasmessi lis-socjeta konvenuta;

3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bl-eccezzjoni taghhom fil-mertu l-konvenuti qedghin isosstnu illi ma kellhom ebda relazzjoni giuridika mall-kumpanija attrici fis-sens illi qatt ma saru transazzjonijiet kummercjali bejn iz-zewg kumpaniji u l-konvenuti jsosstnu illi, jekk saru xi interventi mill-kumpanija konvenuta li jirrigwardaw il-kumpanija attrici, dawn kienu kienu biss trasmissjonijiet lill-atturi ta' ordnijiet maghmulin minn terzi u prezumibilment dawn it-terzi ghandhom jirrispondu ghat-talbiet tal-atturi.

L-unika prova prodotta mill-kumpanija konvenuta f'dan ir-rigward tirrigwarda l-kaz ta' Ronald Genius li fid-deposizzjoni tieghu eskluda kwalunkwe relazzjonijiet li huwa setgha kellhu mall-kumpanija attrici izda kkonferma li effettivament huwa kien xtara l-komputer in kwistjoni minghand il-konvenuti u effettivament kien hallas lill-istess konvenuti l-prezz tieghu fis-somma ta' Lm1000 (elf lira Maltin).

Inoltre l-istess xhud jeskludi wkoll xi kwistjonijiet dwar xi diffetti illi alluda ghalihom Mario Psaila prodott mill-kumpanija konvenuta.

Mid-deposizzjoni ta' Mario Psaila, prodott mill-kumpanija konvenuta, ma tirrizulta ebda ordni li setghu ghamlu l-konvenuti fl-interess ta' terzi izda l-istess Mario Psaila anzi jammetti illi l-kumpanija konvenuta kien effettivament ghamlet diversi transazzjonijiet kummercjali mall-kumpanija attrici sia billi minn ghandhom xtrat diversi oggetti ossia apparat elettroniku u sia billi ipprovdiet diversi servizzi lill-atturi.

Dan kollhu ghalhekk jikkontradici dak li l-istess konvenuti allegaw fl-eccezzjoni taghhom.

Inoltre jirrizulta skambju ta' messaggi bil-posta elettronika li jinsabu esibiti minn fol 17 sa fol-19 tal-process minn fejn jirrizulta illi sa mit-12 ta' Mejju tal-1999 il-kumpanija attrici kienet effettivament qedgha titlob il-hlas minghand il-kumpanija konvenuta ta' l-bilanc dovut ta' Lm3,749 (tlett elef seba' mija u disa' u erbghin lira Maltin) u illi almenu sa ammont ta' Lm2,679 (elfejn sitt mija u disa' u sebghin lira

Maltin), kif indika l-istess Mario Psaila, il-konvenuti kienu ntrabatu illi jghamlu hlas ta' dan l-ammont.

Inoltre l-istess Mario Psaila pprezenta, bhala dokument DokMP3, (a fol 36 tal-process) statement mahrug mill-kumpanija attrici fejn huwa bic-car indikat illi t-total dovut mill-konvenuti lill-atturi sat-30 ta' Novembru tal-1999 kien jammonta ghal Lm664 (sitt mija u erba u sittin Lira Maltin). Dan ghalhekk jinnewtralizza l-pretensjoni tal-istess atturi kontenuta fl-e-mail taghhom tat-12 ta' Mejju tal-1999.

Izda l-e-mail spedit minn Mario Psaila, ghall-kumpanija konvenuta, fit-2 t'Awissu tas-sena 2002 fejn jirrikonoxxi li hu debitur fl-ammont ta' Lm2679, (elfejn sitt mija u disa' u sebghin lira Maltin) kif anke jikkonferma bil-gurament fid-deposizzjoni tieghu, jindika illi l-ammont finali li effettivament accetta li ghandhom jaghtu l-konvenuti u li dwaru jidher illi l-atturi ma lmentawx, huwa ta' Lm2,679 (elfejn sitt mija u disa' u sebghin lira Maltin).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici limitatament billi tiddikjara li l-ammont dovut mill-kumpanija konvenuta lill-kumpanija attrici, tenut kont tar-relazzjonijiet kummercjali kollha li z-zewg kumpaniji kellhom bejnithom sa 'l-bidu ta' dawn il-proceduri, huwa ta' Lm2,679 (elfejn sitt mija u disa' u sebghin liri Maltin) u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu din is-somma lill-atturi bl-imghaxijiet kummercjali mit-2 t'Awwisu tas-sena 2000.

Dwar l-ispejjez tordna illi kwint (1/5) jithallas mill-atturi u erba kwinti (4/5) jithallsu mill-konvenuti."

Is-socjeta` konvenuta tikkritika din is-sentenza li fiha giet dikjarata sokkombenti billi b' mod generali ssostni illi l-ewwel Qorti ma fehmitx sew l-istat ta' fatt negozjali bejn iz-zewg kumpaniji kontendenti, u naqset ukoll milli tati l-piz debitu lill-prova dokumentali esebita minnha. Dejjem skond is-socjeta` konvenuta din il-prova kellha tinnewtralizza, jew, ghallanqas, tirreduci sew, il-kwantum pretiz mis-socjeta` attrici;

In linea preliminari jibda biex jigi precizat illi, kif ormai, hija l-prattika kostanti ta’ din il-Qorti ta’ revizjoni, din ma tiddisturbax l-apprezzament ta’ l-ewwel Qorti hlief jekk tkun manifestament zbaljata jew, fi kliem iehor, ghal ragunijiet serji (**Kollez. Vol. XLIII P I p 66**). Fil-kaz prezenti, wara ri-ezami tal-provi tas-sentenza appellata, din il-Qorti tistqarr mill-ewwel illi ma ssibx li jezistu dawn ir-ragunijiet li jgeghluha tiddiskosta ruhha mill-apprezzament li sar mill-qorti nferjuri. Apprezzament dan li fil-kumpless jidher li hu wiehed valevoli u nieqes minn dawk il-vizzji logici fil-motivazzjoni, li dwarha issa qed tillamenta s-socjeta` appellanti;

Qed tigi registrata wkoll l-osservazzjoni illi l-punt tat-tluq tas-socjeta` konvenuta appellanti kienet l-eccezzjoni sostanzjali taghha tan-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bazika mas-socjeta` attrici. Kien bil-wisq logiku illi una volta s-socjeta` konvenuta ghazlet li tillimita ruhha biex issostni l-estranjeta taghha ghar-rapport guridiku, migjub bhala bazi tad-domanda attrici, kien jinkombi fuqha li tipprova l-ineffikacja ta’ l-istess domanda. Dan billi tissostanzja b’ mod sodisfacenti illi hi ma kienetx is-soggett korrettament identifikat li fil-konfront taghha s-socjeta` attrici kellha tidderiegi d-dritt ta’ l-azzjoni taghha. Dan l-iskariku s-socjeta` appellanti ma rnexxilhiex taghmlu. Mhux hekk biss pero`. Mill-provi akkwiziti, kif gustament rilevat mill-ewwel Qorti, gie stabbilit illi s-socjeta` attrici, inversament, ipprovat bi provi certi l-fatti guridici tar-relazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet li minnhom idderiva, imbaghad, id-dritt ta’ l-azzjoni taghha;

Din il-Qorti hasset li kellha tissottolineja dan l-aspett ghax dan juri b’ liema animu s-socjeta` konvenuta kkontropponiet id-difiza taghha fil-konfront tar-reklam ghal hlas da parte tas-socjeta` attrici;

Skartata d-difiza li l-kollegament bejn il-kontendenti kienet wahda *sic et sempliciter* ta’ “interazzjoni”, u mhux ukoll ta’ kontrattazzjonijiet veri u proprji, ta’ natura kummercjali, fuq

bazi regolari, is-socjeta` appellanti dehrilha li kellha tikkuntrasta u tirrezisti t-talba ghall-hlas tas-somma reklamata fuq l-assunt li l-kont kien inezatt, anke jekk issa f' dan l-istadju taccetta li quddiem l-ewwel Qorti l-ispjegazzjoni taghha fir-rigward ma kienetx daqstant cara;

L-ezami tar-rizultanzi istruttorji li sar minn din il-Qorti ma jwassalx biex b' mod konvincenti il-Qorti takkolji dan l-assunt u l-ilmenti hekk imressqa f' dan l-ambitu fir-rikors ta' l-appell. Il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni in raguni tas-segwenti osservazzjonijiet:

(1) Huwa qabel xejn indubitat illi fil-valutazzjoni li jsir tal-provi relattiv ghall-kont tal-kreditu pretiz, il-gudikant ghandu minn naha jiddetermina jekk dak il-kont jirriflettix l-iskambju ta' affari bejn iz-zewg socjetajiet u min-naha l-ohra jekk tressqux gustifikazzjonijiet sodisfacenti mis-socjeta` konvenuta fil-kors ta' l-impunjattiva taghha ta' dak l-istess kont. Gustifikazzjoni li kienu nkombenti fuq is-socjeta` konvenuta li ggibhom 'il quddiem;

(2) Jekk il-kirtika tas-socjeta` konvenuta ma twassalx ghal dan ir-rizultat, u ma jkunux lanqas jirrizultaw, fic-cirkostanzi, provi ohra in kuntrarju, allura dak il-kont jibqa' inattakkat. Anke jekk in definittiva s-somma pretiza tigi ridotta, kif hekk fil-fatt giet ridotta, dan il-fatt ma ghandux jinfluwixxi fuq il-konsiderazzjonijiet dedotti mis-socjeta` appellanti izda biss, kif inhu xieraq, ghal skop ta' temperament ta' l-ispejjez tal-kawza, kif hekk fil-fatt sar;

(3) In-nuqqas tas-success tal-kritika tal-kont da parti tas-socjeta` appellanti huwa ovvju meta jsir raffront bejn dik l-istess kritika u l-accettazzjoni tas-socjeta` appellanti rikapitolata mill-*e-mail* tat-2 ta' Awissu 2002 (fol. 18). Dokument dan rapprezentanti prova nformatika ta' fatt guridikament rilevanti. Dan ghaliex il-kontenut taghha ma jistax jigi nterpretat hlief bhala attestazzjoni tal-fatt ammess mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta illi hu kien ser jghaddi ghall-hlas malli jirrealizza l-bejgh u trasferiment ta' xi ishma tieghu fil-kumpanija. Din id-dikjarazzjoni ma tistax tkun distakkata mit-taghrif l-iehor

precizat fl-istes dokument. *Inter alia*, b' assocjazzjoni logika, it-taghrif li "*outstanding amount Lm2679.00*";

(4) L-effett li jidderiva minn din l-*e-mail* hu dak li s-socjeta` konvenuta kienet mhux biss qed tirrijafferma l-ezistenza tar-rapporti guridici izda wkoll bhala konfessjoni li ghandha taghti l-ammont indikat. Il-presunzjoni li titnissel minn dan id-dokument hi dik allura ta' veridicita` u accettazzjoni ta' din is-somma. Li jfisser allura, fil-fehma tal-Qorti, illi l-kontestazzjoni fil-proceduri tidher li hi arginata fuq rezistenza immotivata tal-kwantum u intiza biss bhala espedjent biex is-socjeta` appellanti tiddilunga l-pagament.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra senjalati mill-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tirrespingi l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta appellanti. Dawk ta' l-ewwel Qorti kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------